Opinjoni tal-Kumitat Konsultattiv dwar il-konċentrazzjonijiet mogħtija fil-laqgħa tiegħu tat-13 ta' Marzu 2017 rigward abbozz ta' deċiżjoni marbuta mal-Każ M.7995 — Deutsche Börse/ London Stock Exchange

Relatur: ir-Rumanija

(2017/C 240/04)

Operat

1. Il-Kumitat Konsultattiv (12-il Stat Membru) jaqbel mal-Kummissjoni li l-operazzjoni notifikata tikkostitwixxi f'konċentrazzjoni fis-sens tal-Artikolu 3(1)(a) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [1] (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

Id-Dimensjoni tal-Unjoni

2. Il-Kumitat Konsultattiv (12-il Stat Membru) jaqbel mal-Kummissjoni li l-operazzjoni notifikata għandha dimensjoni tal-Unjoni skont l-Artikolu 1(2) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet.

Suq tal-Prodotti

3. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mad-definizzjonijiet tal-Kummissjoni dwar is-swieq tal-prodotti relevanti kif iddikjarat fl-abbozz tad-deċiżjoni għall-fini biex tkun ivvalutata l-operazzjoni preżenti, fir-rigward ta':

   a. Bonds u s-segmentazzjoni tagħhom (12-il Stat Membru);

   b. Ftehimiet ta' xiri mill-ġdid ("repos") u s-segmentazzjoni tagħhom (12-il Stat Membru);

   c. Saldu u kustodja u s-segmentazzjoni tagħhom (12-il Stat Membr);

   d. Servizzi ta' ġestjoni tal-kollateral (collateral management services, CMS), is-segmentazzjoni possibbli u li s-CMS ma jifformawx parti mill-istess suq bħas-servizzi post-kummerċjali oħrajn (12-il Stat Membru);

   e. Derivattivi u s-segmentazzjoni tagħhom (11-il Stat Membru). Minoranza ta' Stati Membri (Stat Membru wieħed) tastjeni.

Is-Suq ġeografiku

4. Il-Kumitat Konsultattiv (12-il Stat Membru) jaqbel mad-definizzjonijiet tal-Kummissjoni dwar is-swieq ġeografiċi relevanti kif iddikjarat fl-abbozz tad-deċiżjoni.

5. B'mod partikolari, il-Kumitat Konsultattiv (12-il Stat Membru) jaqbel mal-konklużjonijiet tal-Kummissjoni li għall-fini tal-valutazzjoni tal-operazzjoni preżenti:

   a. Is-suq relevanti għall-ikklerjar mis-CCP tal-bonds u r-repo nnegozjat mill-ATS u kklerjat mis-CCP huwa mifrux fl-ambitu tiegħu maż-ŻEE kollha.

   b. L-iskop ġeografiku eżatt tas-suq għas-saldu, għas-servizzi tal-kustodja pprovduti lill-ICSDs u l-kustodji kbar f'dak li għandu x'jaqsam ma' titoli bi dħul fiss, servizzi ta' ġestjoni tal-kollateral u derivattivi jista' jitħalla miftuħ.

Valutazzjoni Kompetittiva

6. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-valutazzjoni tal-Kummissjoni li l-operazzjoni notifikata twassal għall-impediment sinifikanti għal kompetizzjoni effettiva fis-swieq li ġejjin:

   a. Is-suq għall-ikklerjar tal-bonds (12-il Stat Membru);

   b. Is-suq għal repos mhux tripartiti nnegozjati mill-ATS u kklerjati mis-CCP, jew alternattivament, għall-ikklerjar ta' repos innegozjati mill-ATS (12-il Stat Membru);

   c. Is-suq għan-negozju u l-ikklerjar ta' repos tripartiti nnegozjati mill-ATS u kklerjati mis-CCP (12-il Stat Membru);

   d. Is-suq għas-saldu u servizzi tal-kustodja f'dak li għandu x'jaqsam ma' dħul fiss ipprovduti mill-ICSDs u kustodji kbar (12-il Stat Membru);

[1] ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1.

e. Is-suq għall-ġestjoni tal-kollateral (12-il Stat Membru);

f. Is-suq għan-negozju u l-ikklerjar ta' derivattivi ta' ekwità ta' stokk uniku bbażat fuq sottostanti Belġjani, Franċiżi jew Olandiżi jew inkella kwalunkwe sottostanti taż-ŻEE (11-il Stat Membru). Minoranza ta' Stati Membri (Stat Membru wieħed) tastjeni.

Impenji

7. Il-Kumitat Konsultattiv (10 Stati Membri) jaqbel mal-Kummissjoni li l-impenji finali offruti mill-Partijiet Notifikanti fis-27 ta' Frar 2017 isolvu kwistjonijiet ta' kompetizzjoni fis-suq tan-negozju u l-ikklerjar ta' derivattivi ta' ekwità ta' stokk uniku. Minoranza ta' Stati Membri (Stat Membru wieħed) ma taqbilx. Minoranza ta' Stati Membri (Stat Membru wieħed) tastjeni.

8. Il-Kumitat Konsultattiv (11-il Stat Membru) jaqbel mal-analiżi tal-Kummissjoni dwar l-Impenji tas-27 ta' Frar 2017 u b'mod partikolari li dawn l-impenji, ippreżentati fil-jum 80 tal-proċedura, ma jissodisfawx l-istandard legali għal impenji tard u ma jsolvux b'mod mhux ambigwu u b'mod sħiħ it-tħassib dwar il-kompetizzjoni identifikat fis-swieq għal repos mhux tripartiti nnegozjati mill-ATS u kklerjati mis-CCP triparti u l-ikklerjar ta' bonds fejn it-tranżazzjoni twassal għal monopolji *de facto*. Minoranza ta' Stati Membri (Stat Membru wieħed) tastjeni.

Kompatibbiltà mas-Suq Intern

9. Il-Kumitat Konsultattiv (11-il Stat Membru) jaqbel mal-opinjoni tal-Kummissjoni li l-konċentrazzjoni notifikata jinħtieġ li tiġi ddikjarata inkompatibbli mas-suq intern u mal-Ftehim dwar iż-ŻEE skont l-Artikoli 2(3) u 8(3) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet u l-Artikolu 57 tal-Ftehim dwar iż-ŻEE. Minoranza ta' Stati Membri (Stat Membru wieħed) tastjeni.

10. Il-Kumitat Konsultattiv (10 Stati Membri) jaqbel li l-valutazzjoni kompetittiva fir-rigward ta' kklerjar ta' derivattivi tar-rata tal-imgħax OTC, in-negozju u l-ikklerjar ta' derivattivi tar-rati tal-imgħax innegozjati fil-borża, in-negozju u l-ikklerjar ta' derivattivi bbażati l-Italja ta' ekwita ta' stokk uniku u servizzi integrati tal-ikklerjar jinħtieġ li titħalla miftuħa fid-deċiżjoni finali. Minoranza ta' Stati Membri (żewġ Stati Membri) tastjeni.